MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Numru 1089/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs.**

**MICHAEL BARTOLO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Michael Bartolo ta’ 25 sena, iben Philip u Rosaria nee’ Micallef, twieled 17 ta’ Ottubru 1984, Pieta’, joqghod 85, Triq San Gorg, San Giljan, detentur tal-karta ta’ l-identita 512984(M).

Billi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-18 ta’ Ottubru 2009 ghal habta tat- tlieta u nofs ta’ filghodu (03:30a.m) fi Triq San Gorg San Giljan u/jew fil-vicinanzi :-

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra PC 1392 Kevin Buhagiar, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awatorita kompetenti.
2. Ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 1392 Kevin Buhagiar,
3. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ PC 1392 Kevin Buhagiar, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaw jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.
4. Volontarjament kiser il- bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied.
5. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuni inkarigati minn serviss pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor.
6. Qal kliem oxxen li jikonsisti f’dagha fil-pubbliku.
7. Gera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez, b’periklu li jahbat ma xi hadd u jweggghu.
8. Rema, tefa, jew xort’ohra ddepozita f’post, gewwa post, jew minn xi post, fil-berah li l-pubbliku ghandu dritt jew jista’ jidhol fih minghajr hlas, u halla, xi haga (flixkun) tkun li tkun fic-cirkostanzi tali li ikkaguna, ikkontribwixxa, jew li setat twassal ghal tkerrih biz-zibel u skart ta’ xi post fil-berah, kemm il darba dak id-depozitu u t-tholloja ma jkunx awtorizzat b’ligi.
9. Tlajja filwaqt li zamm f’idejh jew fuq il-persuna tieghu xi kontenitur tal-hgieg (flixkun).

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali li jinsab a fol. 14 tal-Process u nnutat li l-imputat Michael Bartolo m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li wara l-incident l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wera dispjacir ghal dak li ghamel.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 96, 221, 95, 338(dd), 338(ee), 338(bb), 342 u 338(cc) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, is-*Section* 3.1 tal-Bye Law tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan 52/07/2004 u l-artikoli 3 u 9(1) tal-Kap. 206 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Michael Bartolo, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li wara l-incident l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wera dispjacir ghal dak li ghamel, tillibera lill-istess imputat Michael Bartolo taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Michael Bartolo ghall-piena ta' mija u hamsin Euro (Euro 150) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Michael Bartolo b'garanzija personali ta' elf Euro (Euro 1000) li jzomm il-kwiet ma' PC 1392 Kevin Buhagiar u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Michael Bartolo l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------